STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

---

Nhar it-Tnejn, 4 ta' Ġunju 2012 waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja f'Dar l-Istudent, fl-Università ta' Malta, inħatar kumitat ġdid tal-Għaqda tal-Malti – Università biex jissokta bil-ħidma b'risq il-Malti, il-letteratura lokali u l-oqsma kollha l-oħra marbutin mal-identità ta' pajjiżna, speċjalment fost l-istudenti Universitarji.

Il-kumitat *ad interim*, maħtur għal sena, huwa magħmul minn Dr Bernard Micallef (il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti), Emanuel Psaila (President), Marcel Zammit Marmarà (Viċi President), Stefan Bezzina (Segretarju), Inġ. Maurice Mifsud Bonnici (Teżorier), Dwayne Ellul (Assistent Teżorier), Leanne Ellul (Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Dr Josette Attard u William Incorvaia.

L-Għaqda tal-Malti – Università twaqqfet bil-ħidma ta' żewġ studenti tal-Mediċina, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici fis-26 ta' Jannar 1931 li bdew joħorġu l-*Leħen il-Malti* fl-istess sena. Matul is-snin mexxew l-Għaqda l-Prof. Pietru Pawl Saydon, il-Prof. Ġużè Aquilina, il-Prof. Dun Karm Sant u l-Prof. Oliver Friggieri.

Fl-1988 it-tmexxija għaddiet f'idejn l-istudenti u fost il-ħidma li twettqet matul is-snin insibu l-ewwel Kungress Letterarju Malti (1993), it-twaqqif tal-mafkar lill-Poeta Nazzjonali fil-Furjana (2000), inħawi fl-Università msemmija għall-kittieba Maltin magħrufa (Sala Pietru Pawl Saydon, Sala Temi Zammit, Sala Erin Serracino Inglott, Pjazzetta Dun Karm u l-Atriju Vassalli), korsijiet speċjalizzati, tnedijiet ta' kotba, il-pubblikazzjoni tas-*Sensiela Vassalli* u l-organizzazzjoni tal-konferenzi f'ġieħ Dun Karm u Mikiel Anton Vassalli.

Dawk l-istudenti li jixtiequ jissieħbu fl-Għaqda tal-Malti u skont ir-regoli huma jistgħu jagħmlu dan, għandhom jiktbu ittra u jibagħtuha flimkien mal-ħlas ta' ħames ewro għal sena lill-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici fuq l-indirizz 'Dar is-Sagħtar, Triq il-Fortizza tal-Mosta, San Pawl tat-Tarġa, In-Naxxar, NXR2303'. Il-membri li diġà huma msieħba fl-Għaqda, huma

mħeġġa jibagħtu l-ħlas ta' ħames ewro mill-aktar fis fl-indirizz postali msemmi. Min ikollu xi kummenti jew mistoqsijiet jista' jagħmilhom billi jibgħat ittra elettronika fuq l-indirizz ghaqdatalmalti@gmail.com. Inħeġġukom sabiex iżżuru s-sit tal-Għaqda, www.ghaqdatalmalti.webnode.com u tidħlu fuq il-paġna ta' 'Facebook'.